DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2415

tas-17 ta' Diċembru 2015

dwar l-approvazzjoni skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' regoli dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku fl-ajruporti ta' Milan Malpensa, ta' Milan Linate u ta' Orio al Serio (Bergamo)

(notifikata bid-dokument C(2015) 9177)

(It-test bit-Taljan biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 19(3) tiegħu,

Billi:

1. PROĊEDURA

(1) Permezz ta' ittra tal-21 ta' April 2015, li waslet għand il-Kummissjoni fil-21 ta' April 2015, l-awtoritajiet Taljani għarrfu lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, bid-Digriet Ministerjali Nru 395 tal-1 ta' Ottubru 2014 li jemenda d-Digriet Nru 15 tat-3 ta' Marzu 2000 dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku bl-ajru fis-sistema tal-ajruporti ta' Milan, kif emendat [2] (minn hawn 'il quddiem "Id-Digriet Lupi"). Permezz ta' ittri tal-5 ta' Novembru 2014 u tat-18 ta' Marzu 2015, l-awtoritajiet Taljani taw aktar tagħrif dwar id-Digriet Lupi. Il-Kummissjoni talbet għal aktar tagħrif permezz tal-ittra tal-5 ta' Settembru 2015 u l-awtoritajiet Taljani wieġbu bl-ittra tal-25 ta' Settembru 2015.

(2) Is-sistema tal-ajruporti ta' Milan tinkludi l-ajruporti ta' Malpensa, Linate u Orio al Serio (Bergamo).

2. SFOND U DESKRIZZJONI TAL-MIŻURA

2.1. Id-Digrieti Bersani u Bersani 2

(3) Bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-21 ta' Diċembru 2000 [3], il-Kummissjoni ddikkjarat ir-regoli ta' distribuzzjoni tat-traffiku għas-sistema tal-ajruporti ta' Milan stabbilita fid-Digriet tal-Ministru għall-Infrastruttura u t-Trasport tat-3 ta' Marzu 2000 [4] (minn hawn 'il quddiem id-"Digriet Bersani") bħala li huma kompatibbli mar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 [5]. Sussegwentement, dak ir-Regolament tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament (KE) Nru 1008/2008. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni kienet soġġetta għal dawn ir-regoli li qed jiġu emendati kif indikat mill-awtoritajiet Taljani f'ittra tal-4 ta' Diċembru 2000. Din l-emenda seħħet permezz tad-Digriet tal-Ministru tal-Infrastruttura u t-Trasport tal-5 ta' Jannar 2001 [6] (minn hawn 'il quddiem id-"Digriet Bersani 2").

(4) L-għan tad-Digriet Bersani u tad-Digriet Bersani 2 kien li tkun żgurata r-realizzazzjoni tal-potenzjal ta' żvilupp sħiħ tal-ajruport ta' Milan Malpensa bħala ċentru internazzjonali, filwaqt li fl-istess ħin jiddeskrivi l-ajruport ta' Milan Linate bħala faċilità għal servizzi minn punt sa punt. Għal dan l-għan, id-digriet Bersani u d-Digriet Bersani 2 kien fihom għadd ta' dispożizzjonijiet; b'mod partikolari huma imponew, fl-ajruport ta' Milan Linate, limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' servizzi bir-ritorn kuljum lejn l-ajruporti tal-UE identifikati abbażi tal-volum ta' traffiku tal-passiġġieri, kif ġej:

— Servizz bir-ritorn wieħed kuljum għal kull trasportatur għal rotot bi traffiku bejn it-350 000 u s-700 000 passiġġier;

— Żewġ servizzi bir-ritorn kuljum għal kull trasportatur għal rotot bi traffiku bejn is-700 000 u l-1 400 000 passiġġier;

[1] ĠU L 293, 31.10.2008, p. 3.
[2] Il-Gazzetta Uffiċjali Taljana Nru 237 tal-11 ta' Ottubru 2014.
[3] ĠU L 58, 28.2.2001, p. 29.
[4] Il-Gazzetta Uffiċjali Taljana Nru 60, 13 ta' Marzu 2000.
[5] Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2408/92 tat-23 ta' Lulju 1992 dwar aċċess għat-trasportaturi tal-ajru tal-Komunità għal rotot tal-ajru intra-Komunitarji (ĠU L 240, 24.8.1992, p. 8). Fir-rigward ta' din ir-revoka, ara l-Artikolu 27 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.
[6] Il-Gazzetta Uffiċjali Taljana Nru 14, Il-Ħamis, 18 ta' Jannar 2001.

— Tliet servizzi bir-ritorn kuljum għal kull trasportatur għal rotot bi traffiku bejn il-1 400 000 u ż-2 800 000 passiġġier;

— L-ebda limitu għal rotot bi traffiku ta' aktar minn 2 800 000 passiġġier;

(5) Minn Linate, it-trasportaturi tal-Komunità jistgħu, bl-arranġamenti stipulata hawn fuq, joperaw servizz bir-ritorn kuljum billi jużaw żewġ ħinijiet għas-sistemi tal-ajruporti jew ajruporti individwali li jinsabu f'reġjuni ta' "Objettiv 1" li tul is-sena kalendarja 1999 irreġistraw traffiku tal-passiġġieri ta' anqas minn 350 000 unità fis-sistemà tal-ajruporti ta' Milan.

(6) Id-Digriet Bersani 2 jispeċifika li l-kapitali kollha Ewropej se jkollhom minn tal-anqas konnessjoni waħda bir-ritorn kuljum ma' Linate u li l-ajruporti tal-Komunità bi traffiku annwali li jaqbeż l-40 miljun passiġġier fl-1999 se jkunu konnessi ma' Linate b'minn tal-anqas żewġ vjaġġi bir-ritorn kuljum.

(7) Id-Digriet Bersani u d-Digriet Bersani 2 jillimitaw ukoll l-ajruport ta' Milan Linate għal ajruplani b'korsija waħda għal konnessjonijiet bi skeda minn punt sa ieħor fl-UE.

2.2. **Id-Digriet Lupi**

(8) Id-Digriet Lupi jibdel id-Digriet Bersani u d-Digriet Bersani 2 billi jneħħi kwalunkwe limitazzjoni fuq l-għadd ta' servizzi bir-ritorn ta' kuljum lejn ajruporti tal-UE identifikati abbażi tal-volum ta' traffiku tal-passiġġieri imposti fl-ajruport ta' Milan Linate. Il-limitazzjonijiet l-oħra imposti f'Milan Linate (ajruplani b'korsija waħda, konnessjonijeit minn punt għall-ieħor skedati fl-UE) jibqgħu fis-seħħ.

(9) L-awtoritajiet Taljani spjegaw li r-raġuni għal din il-bidla kienet il-ħtieġa li jiġu eliminati r-restrizzjonijiet ibbażati fuq kriterji li għadda żmienhom u li ma għadhomx f'lokhom u biex operaturi li għandhom ħinijiet fl-ajruport ta' Milan Linate jkunu jistgħu jużawhom b'mod kemm jista' jkun effiċċjenti. Dan għandu jikkontribwixxi sabiex is-sistemi tal-ajruporti tal-Italja u tal-Ewropa jsiru aktar effiċjenti kemm għan-negozji kif ukoll għall-passiġġieri.

(10) Id-Digriet Lupi (Digriet Ministerjali Nru 395) ġie ffirmat fl-1 ta' Ottubru u kien ippubblikat fil-11 ta' Ottubru 2014, eżatt qabel il-bidu ta' perjodu ta' skedar tax-xitwa 2014-2015 tal-IATA, li beda fis-26 ta' Ottubru 2014. Id-Digriet Lupi japplika mill-bidu tal-istaġun tat-traffiku tax-xitwa 2014/2015.

(11) L-Italja ma kkonsultatx mal-partijiet interessati qabel l-adozzjoni tad-Digriet Lupi.

3. **L-OSSERVAZZJONIJIET SOTTOMESSI LILL-KUMMISSJONI MILL-PARTIJIET INTERESSATI**

(12) Il-Kummissjoni ppubblikat sommarju tar-regoli modifikati tad-distribuzzjoni tat-traffiku nnotifikati mill-awtoritajiet Taljani f'"*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*" ([1]) u stiednet lill-partijiet interessati biex iressqu l-kummenti tagħhom.

(13) Il-Kummissjoni rċeviet kummenti minn żewġ partijiet interessati, li xtaqu jibqgħu anonimi. Il-Kummissjoni bagħtet sommarju tal-kummenti lill-awtoritajiet Taljani biex l-awtoritajiet Taljani jkunu jistgħu jikkummentaw.

3.1. **L-ewwel parti interessata**

(14) L-ewwel parti interessata ddikjarat li l-awtoritajiet Taljani ma kinux ikkonsultaw lil-linji tal-ajru kollha kkonċernati dwar ir-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku modifikati qabel l-adozzjoni tagħhom. B'hekk, skont l-istess parti interessata, kienu biss ċerti linji tal-ajru li saru jafu bil-bidliet imminenti li setgħu jużaw il-flessibbiltà mdaħħla bid-Digriet il-ġdid u li jippjanaw skont dan fiż-żmien għall-bidu tal-istaġun ta' skedar tax-xitwa 2014/2015.

(15) L-ewwel parti interessata nnutat ukoll li l-awtoritajiet Taljani ma rrispettawx l-obbligu tagħhom u r-Regolament (KE) Nru 1008/2008 li ma japplikawx bidliet għar-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku qabel l-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

([1]) ĠU C 183, 4.6.2015, p. 4.

(16) Barra minn hekk, l-ewwel parti interessata qajmet ukoll il-kwistjoni tal-għoti tal-ħinijiet f'Milan Linate.

3.2. **It-tieni parti interessata**

(17) It-tieni parti interessata indikat li ż-żmien tal-adozzjoni tad-Digriet Lupi ppermetta li ċerti linji tal-ajru jintroduċu rotot ġodda minn Linate b'effett immedjat u mingħajr ebda konsultazzjoni xierqa tal-linji tal-ajru l-oħra li joperaw fl-ajruport ta' Linate jew l-għoti ta' informazzjoni qabel dan seħħ.

(18) It-tieni parti interessata enfasizzat ukoll li l-Kummissjoni ġiet mgħarrfa bid-Digriet Lupi aktar minn 7 xhur wara l-pubblikazzjoni tiegħu.

(19) Barra minn hekk, it-tieni parti interessata qieset li d-Digriet Lupi jikkonċerna vantaġġ speċifiku lil Etihad, Alitalia u l-Imsieħba Ewropej ta' Ekwità tagħha hekk kif Alitalia għandha l-biċċa l-kbira tal-ħinijiet u d-Digriet Lupi għandu l-potenzjal li jfixkel il-kompetizzjoni b'mod qawwi favur Alitalia. It-tieni parti interessata talbet lill-Kummissjoni biex minnufih tirrevoka d-Digriet Lupi.

4. **IT-TERMINI TAL-ARTIKOLU 19 TAR-REGOLAMENT (KE) NRU 1008/2008**

(20) L-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jipprevedi li Stat Membru, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, jista' jirregola, mingħajr dikriminazzjoni bejn destinazzjonijiet fil-Komunità jew abbażi tan-nazzjonalità jew tal-identità tat-trasportaturi tal-ajru, id-distribuzzjoni tat-traffiku tal-ajru bejn ajruporti li jaqdu lill-istess belt ta' konurbazzjoni. Kundizzjonijiet speċifiċi għad-distribuzzjoni tat-traffiku huma stabbiliti fl-istess paragrafu.

(21) L-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 jipprevedi li Stat Membru kkonċernat għandu jgħarraf lill-Kummissjoni bil-ħsieb tiegħu li jirregola d-distribuzzjoni tat-traffiku tal-ajru jew li jbiddel regola eżistenti tad-distribuzzjoni tat-traffiku. Dan jipprevedi wkoll li l-Kummissjoni għandha teżamina l-applikazzjoni tal-Artikolu 19(2) u, fi żmien sitt xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni mill-Istat Membru, u wara li tkun talbet lill-Kumitat stabbilit fl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 għal opinjoni għandha tiddeċiedi jekk l-Istat Membru jistax japplika l-miżuri. Il-Kummissjoni għandha tippubblika d-deċiżjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u l-miżuri ma għandhomx jiġu applikati qabel il-pubblikazzjoni tal-approvazzjoni tal-Kummissjoni.

5. **VALUTAZZJONI**

(22) Id-Digriet Lupi jimmodifika r-regoli dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku għas-sistema tal-ajruport ta' Milan billi jneħħi l-limitazzjonijiet fl-ajruport ta' Linate fuq l-għadd ta' servizzi bir-ritorn ta' kuljum lejn l-ajruporti tal-UE identifikati abbażi tal-volum tat-traffiku tal-passiġġieri. Għaldaqstant, dan jikkostitwixxi bidla fir-regola tad-distribuzzjoni tat-traffiku eżistenti fit-tifsira tal-Artikolu 19(3) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

(23) L-awtoritajiet Taljani jqisu li d-Digriet Lupi ma jikkostitwixxix bidla fir-regoli ta' distribuzzjoni tat-traffiku eżistenti, peress li d-Digriet Lupi ma kienx meqjus bħala miżura mmirata lejn il-modifika tat-traffiku tal-ajru fis-sistema tal-ajruporti ta' Milan. Kull ma jagħmel id-Digriet Lupi huwa li jneħħi restrizzjoni għall-forniment ta' servizzi.

(24) Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dan l-argument. Il-limitazzjonijiet fuq l-għadd ta' servizzi bir-ritorn kuljum lejn l-ajruporti tal-UE identifikati abbażi tal-volum ta' traffiku tal-passiġġieri jifformaparti minn regola tad-distribuzzjoni tat-traffiku, maħsuba biex talloka servizzi tal-ajru barra l-limiti lejn ajruport ieħor tas-sistema tal-ajruporti ta' Milan. Il-Kummissjoni approvat din ir-regola tad-distribuzzjoni tat-traffiku fis-sena 2000. It-tneħħija ta' element wieħed ta' din ir-regola tad-distribuzzjoni tikkostitwixxi bidla għal dik ir-regola.

(25) L-awtoritajiet Taljani ma kkonsultawx mal-partijiet interessati qabel l-adozzjoni tad-Digriet Lupi. Għaldaqstant naqsu milli jikkonformaw mal-obbligu li jagħmlu dan, kif stabbilit fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008.

(26) L-awtoritajiet Taljani jqisu li ma kienx hemm il-ħtieġa li jikkonsultaw mal-partijiet terzi interessati hekk kif l-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 ikun jeħtieġ biss li jikkonsulta lill-partijiet interessati meta l-Istat Membru jkun biħsiebu "jirregola" it-traffiku, jiġifieri qabel joħloq regola tad-distribuzzjoni tat-traffiku, iżda mhux f'każ ta' emenda tagħha. Il-Kummissjoni ma taqbilx ma' dan l-argument. L-emenda ta' regola tad-distribuzzjoni tat-traffiku tfisser li r-regola wara l-emenda hija differenti minn dik applikabbli qabel. Wara li jitqies

ir-raġunament tal-Artikolu 19, tali bidla (maħsuba) fis-sitwazzjoni legali mhijiex fundamentalment differenti mill-bidla li ġabet magħha l-introduzzjoni ta' regola ġdida. Din il-bidla fis-sitwazzjoni legali tikkostitwixxi l-ġustifikazzjoni nfisha għad-dmir tal-awtoritajiet nazzjonali li jikkonsultaw mal-partijiet interessati, bl-istess mod kif din hija l-pern tad-dmir tal-awtoritajiet li jgħarrfu lill-Kummissjoni bil-każ. Għaldaqstant, it-terminu "jirregola" fl-Artikolu 19(2) għandu jinftiehem bħala li jinkludi wkoll l-emenda tar-regoli ta' distribuzzjoni tat-traffiku.

(27) L-awtoritajiet Taljani jargumentaw li ma kinitx meħtieġa konsultazzjoni mil-lat sostanzjali peress li t-trasportaturi kollha tal-ajru li għandhom ħinijiet fl-ajruport ta' Linate gawdew bl-istess mod mid-Digriet Lupi. Il-Kummissjoni tinnota li dan l-argument jantiċipa il-konklużjonijiet possibbli li għandhom jittieħdu fid-dawl tal-osservazzjonijiet li l-partijiet interessati huma intitolati li jagħmlu. Minnha nfisha, din ma tistax teħleb l-obbligu tal-Italja li tikkonsulta mal-partijiet interessati l-ewwel, qabel tasal għal xi konklużjoni.

(28) L-awtoritajiet Taljani indikaw li huma lesti li jwettqu konsultazzjonijiet issa. Madankollu, għall-fini taċ-ċarezza, għandu jiġi enfasizzat li konsultazzjoni bħal din tkun teħtieġ li tiġi segwita b'att ġdid, li għandu jittieħed fid-dawl tal-osservazzjonijiet imressqa. Tali att ġdid ikun indispensabbli anke jekk, wara l-konsultazzjoni, l-awtoritajiet Taljani kellhom ikomplu jikkunsidraw li r-regola kif emendat bid-Digriet Lupi hija xieraq.

6. **KONKLUŻJONI**

(29) Kuntrarjament għall-Artikolu 19(2) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008, l-awtoritajiet Taljani naqsu milli jikkonsultaw lill-partijiet interessati qabel ma emendaw ir-regoli tad-distribuzzjoni tat-traffiku għas-sistema tal-ajruporti ta' Milan.

(30) Għaldaqstant, il-miżuri previsti fid-Digriet Ministerjali Nru 395, tal-1 ta' Ottubru 2014 li jemenda d-Digriet Nru 15 tat-3 ta' Marzu 2000 dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku tal-ajru fis-sistema tal-ajruporti ta' Milan, kif emendat, li ġie nnotifikat lill-Kummissjoni fil-21 ta' April 2015, ma jistax jiġi approvat.

(31) Din id-deċiżjoni hija f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 25 tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għaldaqstant, il-miżuri previsti fid-Digriet Ministerjali Nru 395, tal-1 ta' Ottubru 2014 li jemenda d-Digriet Nru 15 tat-3 ta' Marzu 2000 dwar id-distribuzzjoni tat-traffiku tal-ajru fis-sistema tal-ajruporti ta' Milan, innotifikat lill-Kummissjoni fil-21 ta' April 2015, huwa miċħud.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika tal-Italja.

Magħmul fi Brussell, is-17 ta' Diċembru 2015.

Għall-Kummissjoni

Violeta BULC

Membru tal-Kummissjoni